*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

IL-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' s-Sala Kristu Rxoxt, Triq A.Caruana, Ħal Tarxien nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020, fis-6.30 p.m.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **19.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 19.1.1 | Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati li s-Sur Ismael Dalli kien se jasal ghall-laqgha ftit tard minhabba ragunijiet ta' xoghol. Il-Kunsilliera prezenti ma' sabu l-ebda oggezzjoni. |
| **19.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 19.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 18 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 19.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 18 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **19.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 19.3.1 | Permezz ta' Cirkolari *SPI/SCI/3/2020* minghand il-Gvern Lokali "Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Accessibilta' u Mobilita", is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti sabiex tintbghat l-applikazzjoni u propona li l-finanzjament jigi amalgamat mal-progett ta' *slow streets* fejn se jigi rinovat Gnien Penza. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill japplika ghal din l-iskema. |
| 19.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li fl-okazzjoni tal-gheluq tal-100 sena tieghu l-partit laburista se jkun qed ihawwal sigra tac-cipresk f'68 lokalita' f'Malta u Ghawdex u ghaldaqstant ikkonsulta mal-kumitati lokali tieghu sabiex jaghzel post fil-lokalita' fejn se jsir it-thawwil. Is-Sindku spjega li l-kumitat ta' Ħal Tarxien ghazel gnien Misrah Buleben ghat-thawwil tas-sigra u nforma l-Kunsilliera li l-kultivazzjoni taghha matul is-snien se jiehdu hsieba is-Segretarju tal-Kumitat laburista s-Sur Keith Darmanin flimkien mal-Kunsillier s-Sur Thomas Debattista. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-proposta giet approvata. |
| 19.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li saret proposta sabiex l-isem ta' Triq il-Fieres tinbidel ghal Triq Renzo Cauchi. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsillera prezenti din il-proposta giet approvata. |
| 19.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li haddiem assenjat tad-*District Operations* li kien impjegat mal-Kunsill ta' r-rizenja tieghu. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 19.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Avukat tal-Kunsill rigward il-proposta tal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista sabiex tigi devoluta l-art ta' fejn il-bandli lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li diga ntbghatu zewg ittri ufficjali lill-*Lands* mill-Avukat. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li din l-art tigi zviluppata f'binja tal-Kunsill Lokali kemm il-darba l-Kunsill ikollu d-devoluzzjoni. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti kien hemm qbil unanimu fuq il-proposta tas-Sindku. |
| 19.3.6 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li ghandha tintalab id-devoluzzjoni tal-iskola li tinstab fi Triq l-Iskola. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti kien hemm qbil unanimu li tintalab id-devoluzzjoni bil-possibilta' li din l-iskola tigi muzew tal-kultura. |
| 19.3.7 | Is-Sindku ghamel referenza ghal PA4527/20 u nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-*consulatation reply* relatata fuq binja li tinstab f'*Joanne Gardens* intbghatet lill-Awtorita tal-Ippjanar fid-data stipulata hekk kif mitlub minnhom. |
| **19.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 19.4.1 | "Minn dejjem xtaqt li l-Kunsill ikollhu fil-pussess tieghu l-pjanti li jindikaw is-servizzi kollha ghaddejjien minn go Hal-Tarxien. Dawn is-servizzi jinkludu ta' l-ilma, tad-drenagg, ta' l-ilma tax-xita u ta' l-elettriku. Dawn il-pjanti huma ezatt bhal ma jkollhom il-kumpaniji tal-GO, Melita u Vodafone?" Is-Sindku nforma lis-Sur Thomas Debattista li ghalkemm l-amministrazzjoni staqsiet entitatijiet varji hadd ma' kellu pjanta tas-servizzi. |
| 19.4.2 | "Nixtieq nistaqsi jekk il-propjeta li hemm hdejn il-Kunsill Lokali, li huma l-bandli, il-ground, il-gnien ta' Santa Marija, il-berga, il-garage u jekk hemm xi bini iehor, jappartjenux lill-Kunsill. Dan ghaliex minn mindu gejt elett, ix-xewqa tieghi dejjem kienet li dik iz-zona jsir bhala progett ghat-Tarxiniezi, kif ukoll ghal-Kunsill?" Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-materja giet diskussa fil-minuta 19.6.1? |
| 19.4.3 | "Nixtieq nistaqsi dwar xi affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mat-toroq u kostruzzjoni, fuq sqaq partikolari, kif ukoll fuq xi tabelli u sinjali. Rigward dawn il-mistoqsijiet, nixtieq nuri ukoll xi ritratti? Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li x-xogholijiet proposti se jigu mplimentati fil-granet li gejjijn. Ix-xogholijiet rikjesti huma;<br>• Manutenzjoni tal-fanali fi Triq Santa Marija u Triq Zejtun;<br>• *Water Culverts* fi Triq Dejma u Triq Birzebbuga; |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | • Trinka ta' Triq Zejtun sabiex il-Perit jinform lill-kuntrattur sa fejn se jghati l-*Asphalt*;<br>• Sabiex ir-rampi tal-lokalita' li qieghdin fuq il-bankina jitnehhew. F'dan ir-rigward se jsir ezercizzju mis-Sur Thomas Debattista u wara tittiehed decizzjoni mill-Kunsill;<br>• Tindif u zebgha tal-irhama kommemorattiva li tinstab fi Gnien Misrah Buleben. |
| **19.5** | **Rapporti** |
| 19.5.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogholijiet prezenti tat-*Trenching* tal-Enemalta bdew f'nofs Settembru u mhux fi-d data stabbilita li kellha tkun l-1 ta' Lulju ghaldaqstant is-Sindku nforma lill-kuntrattur koncernat sabiex mill-15 ta' Ottubru sa l-ahhar ta' Dicembru 2020 jieqaf it-thaffir minn Triq Daniel Ceci sa Triq il-Palma.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista talab li tintbghat korrispndenza lill-Enemalta sabiex il-Kunsill ikun jaf kif se jitkomplew ix-xogholijiet fil-lokalita' kif ukoll jigu nfurmati r-residenti permezz ta' ittra fir-residenza u l-pagna ta' *facebook*.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ittra se tintbghat ghall-approvazzjoni taghhom qabel ma' tintbghat lir-residenti u se jkun qed jerga' jkellem lill-Perit f'dan ir-rigward. |
| 19.5.2 | Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli informa lill-Kunsilliera prezenti li qed jingabru l-kwotazzjonijiet tal- *Achievers scheme* sabiex jibdew l-attivitajiet u spjega li se jzomm lill-Kunsill nfurmat. |
| 19.5.3 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace indirizza l-Konferenza Stampa li nzammet nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru 2020 bhala ftuh ufficjali tal-wirja bl-affarijiet punici li nstabu fil-lokalita' inkluz *workshops* fejn ippartecipaw l-*iscouts* tal-lokal. Is-Sur Christian Pace informa l-Kunsill li kien bhala mistiednin kien hemm il-Ministru Jose' Herrera flimkiem ma' ufficjali tal-Heritage u l-Kunsilliera. Is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera prezenti li tkellem mas-*Superintendence* tal-Heritage sabiex tinzamm wirja ohra fis-sena 2021 b'tema differenti u possibilment tibqa' fil-kalendarju ta' kull sena sabiex ir-residenti japrezzaw aktar il-wirt storiku ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsillier ikkonferma li bejn is-Sibt u l-Hadd attendew 128 persuna u ufficjalmet irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-amministrazzjoni tal-Kunsill tal-ghajnuna u s-sapport f'din l-inizjattiva. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| 19.6 | Mozzjonijiet |
|---|---|
| 19.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 07-2020 (VIII)</u><br><br>Hekk kif mifthiem maghkom fl-ahhar laqgha tal-Kunsill inzammet laqgha mal-Avukat rigward il-Kuntratt tad-Dar tal-kejka li hemmm fis-sehh bejn il-Kunsill u l-Scouts Group.Ghaldaqstant qed inressaq mozzjoni sabiex isir ftehiem gdid tad-Dar tal-Kejka. Il-Kunsill se jibdel il-ftheim pero' ha jibqgha jaghti permess lilll-Scouts Group sabiex ikomplu bil hidma taghhom u jaghmlu uzu mill-binja ghall-laqghat u l-attivitajiet li jkollom. Mill-banda l-ohra l-Kunsill ghandu l-obbligu li jghin ghaqdiet ohra u jaghtijom permess sabiex juzaw il-post meta jkun hemm bzonn. Il-Kunsill bhal awtorita ghandu jkollu id-dritt assolut tal-Binja msejha d-Dar tal-Kejka li hija devoluta lill-istess Kunsill.<br><br>Wara diskussjini libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-mozzjoni giet approvata.<br><br>Proponent: Joseph Abela Galea<br>Sekondant: Darlene Vella Zammit |
| 19.6.2 | <u>Mozzjoni Nru 08-2020 (VIII)</u><br><br>Qed nitlob vot ta' fiducja fil-hidma tas-Segretarju Ezekuttiv flimkiem mal-amministrazzjoni tal-Kunsill wara sena u nofs hidma fi hdan il-Kunsill taghna.<br><br>Wara diskussjini libera ittiehed vot bejn il-Kunsilliera prezenti;<br><br>• Is Sur Joseph Abela Galea, s-Sa Darlene Vella Zammit, s-Sur Neil Portelli, s-Sur Christian Pace u s-Sa Anabelle Marmara' ivvutaw favur tal-mozzjoni;<br><br>• Is-Sur Ismael Dalli ma' kienx prezenti ghall-laqgha waqt il-mozzjoni ghaldastant ma' kienx hemm vot;<br><br>• Is-Sur Thomas Debattista qal li se jkun qed jivvota favur il-mozzjoni sabiex ma' jmurx kontra shabu tal-partit.<br><br>Proponent: Joseph Abela Galea<br>Sekondant: Darlene Vella Zammit |

| | | |
|---|---|---|
| *Il-hin huwa 8:55pm u dahal ghall-laqgha s-Sur Ismael Dalli.* | | |
| **19.7** | **Sejhiet ghall-offerti** | |
| 19.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-knis gie aggudikat u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti it-*Tender* tal-knis gie approvat hekk kif aggudikat. | |
| **19.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** | |
| 19.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 15/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Settembru 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. | |
| 19.8.2 | Fuq mozzjoni ta' Sur Christian Pace ssekondat mis-Sur Ismael Dalli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. | |
| **19.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | |
| 19.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid-8:55p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru 2020 fis-6:30p.m. | |

Konfermati, illum 6 ta' Ottubru 2020.

Joseh Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*